Strateġija Nazzjonali

# GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

2023 - 2030

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

# Werrej


2 Messaġġ mill-Ministru

3 Messaġġ mis-Segretarju Permanenti

4 Awturi u Kontributuri

5 Sommarju Eżekuttiv

6 Abbrevjazzjonijiet

7 Lista ta' Illustrazzjonijiet u Tabelli

8 Sfond

11 Għanijiet u Objettivi

13 Deskrizzjoni tal-Istrateġija

15 Pilastru I

20 Pilastru II

23 Pilastru III

26 Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Istrateġija

27 Konklużjoni u t-Triq 'il Quddiem

28 Referenzi

# Messaġġ mill-Ministru

Din l-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja tenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni kontinwa u żvilupp personali matul il-ħajja tal-individwu. It-tagħlim m'għandux ikun limitat għall-klassi jew għal ambjent edukattiv formali iżda għandu jestendi għal firxa usa' ta' opportunitajiet u esperjenzi.

Id-dinja qed tevolvi malajr, b'mod partikolari minħabba l-avvanz tat-teknoloġija u d-domanda li dejjem tiżdied għall-ħiliet diġitali. Is-suq tax-xogħol huwa aktar kompetittiv minn qatt qabel, u b'hekk jeħtieġ li l-individwi jkollhom sett varjat ta' ħiliet. It-tagħlim tul il-ħajja għandu rwol kruċjali biex jissodisfa dawn id-domandi billi jippermetti lill-individwi jtejbu l-ħiliet, jiehdu taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet, u jtejbu l-kapaċitajiet eżistenti tagħhom.

L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja hija mibnija fuq il-ħidma tal-Ministeru tagħna f'dan il-qasam u tipprovdi pjan direzzjonali għall-azzjonijiet futuri tagħna. Din l-istrateġija hija ċċentrata madwar l-individwu, filwaqt li tirrikonoxxi t-tkabbir personali, l-inklużjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva, u l-impjegabbiltà tiegħu bħala eżiti ewlenin tat-tagħlim tul il-ħajja.

L-istrateġija tinkludi tliet pilastri ewlenin. Dawn il-pilastri jiffukaw fuq l-għoti ta' opportunitajiet ta' tagħlim għall-adulti li jeħtieġu ħiliet bażiċi. Dan jinkludi individwi li ma kellhomx l-opportunità li jiksbu litteriżmu, numeriżmu, jew ħiliet diġitali essenzjali. Aħna konxji wkoll li n-nies għandhom preferenzi ta' tagħlim differenti, u b'hekk għandna l-għan li nipprovdu għażliet ta' tagħlim flessibbli u aċċessibbli li jaqdu diversi ħtiġijiet. L-istrateġija tiżgura wkoll il-kwalità fit-taħriġ għat-tagħlim tul il-ħajja.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan tagħna huwa li nagħtu s-setgħa lill-individwi billi nrawmu fihom il-fiduċja personali u nattrezzawhom bl-għarfien u l-ħiliet meħtieġa mhux biss għall-post tax-xogħol tal-lum iżda wkoll għall-isfidi li jista' joffri l-futur. It-tagħlim tul il-ħajja huwa investiment li minnu jibbenefikaw dawk kollha involuti, u aħna nħeġġu lill-adulti u lil dawk li temmew l-edukazzjoni obbligatorja, biex jaħtfu l-opportunitajiet li qed jinghatawlhom.

Nemmen li din l-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja se sservi ta' katalist għall-parteċipazzjoni mifruxa fit-tagħlim tul il-ħajja u se tgħin lill-individwi jiskopru l-bosta benefiċċji li toffri. Billi nħaddnu t-tagħlim tul il-ħajja, nistgħu noħolqu soċjetà li tkun adattabbli, infurmata, u mgħammra biex tirnexxi f'dinja dejjem tinbidel.

**Dr. Clifton Grima**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni



# Messaġġ mis-Segretarju Permanenti

Illum il-ġurnata, l-edukazzjoni mhijiex biss meqjusa bħala għodda għall-futur tal-individwu, iżda hija parti integrali mill-ħajja tiegħu. Fil-verità, hija l-ħajja nnifisha.

Ma hemm l-ebda dubju li l-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għall-mobbiltà soċjali. Meta persuna matura tibqa' tieħu t-taħriġ, tkun qed iżżid l-opportunitajiet tagħha li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħha u ta' dawk ta' madwarha. Dan huwa pass ieħor lejn it-trasformazzjoni li qed isseħħ fil-qasam tal-edukazzjoni. L-għan tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja fi ħdan id-Direttorat għar-Riċerka, it-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà (DRLLE) huwa li jiġi adottat approċċ iċċentrat fuq il-persuna biex ikun aktar faċli għall-adulti li jaċċessaw it-tagħlim.

F'dinja li qed tevolvi b'ritmu mgħaġġel, fejn il-ħiliet tas-seklu 21 qed jingħataw aktar importanza u fejn kontinwament qed jinħolqu impjiegi ġodda u metodi ta' ħidma differenti, il-ħiliet bażiċi fil-litteriżmu u l-użu tal-għodod diġitali jibqgħu kompetenzi fundamentali. Fi ftit kliem, dawn il-ħiliet huma l-bażi ta' kollox.



Fil-fatt, avvanz sinifikanti f'din l-istrateġija huwa l-iżvilupp tal-linji gwida dwar il-ħiliet bażiċi għall-adulti. L-għan ewlieni ta' din l-istrateġija huwa r-responsabbiltà nazzjonali li jitnaqqas ir-riskju tal-qgħad, il-faqar, u l-esklużjoni soċjali. Għaldaqstant, din l-istrateġija hija qabża 'l quddiem lejn l-inklużjoni soċjali fejn l-għan ewlieni tagħha huwa li tilħaq l-aktar persuni vulnerabbli, il-minoranzi u dawk soċjalment emarġinati.

Din l-istrateġija hija bbażata fuq tliet pilastri ewlenin, sostnuta b'diversi miżuri u azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu, jippromwovu, u jiżviluppaw opportunitajiet għat-tagħlim. L-ewwel pilastru jkopri l-opportunitajiet għat-tagħlim immirati lejn adulti li jeħtieġu ħiliet bażiċi, filwaqt li t-tieni pilastru jippreżenta metodi ta' tagħlim u opportunitajiet differenti biex tiġi żgurata l-inklużività. Fl-aħħar, it-tielet pilastru jiżgura l-kwalità tat-taħriġ fit-tagħlim tul il-ħajja (LL).

L-aqwa investiment tal-individwu huwa li jkompli jinvesti fit-taħriġ personali. Jien nemmen li din l-istrateġija mhux biss se tippromwovi l-benesseri personali u l-kwalità tal-ħajja tal-individwu, iżda s-soċjetà inġenerali se taħsad il-benefiċċji tagħha fuq livell nazzjonali.

**Matthew Vella**
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

## Awturi u Kontributuri

### Awturi

Mandy Mifsud
Tom Borg
Mariah Farrugia
Mahira Spiteri
Christianne Gatt Fenech
Jeannine Vassallo
Nadine Zammit
Antoine Vassallo
Alex Farrugia

### Kontributuri

Jennifer Formosa
Gary Doublet
Louis Grech
Elizabeth Refalo

### Konsulenti

Raymond Camilleri
Jane Farrugia Buhagiar
Vincent Maione
Pamela Marie Spiteri
Oliver Scicluna

### Reviżuri

Matthew Vella
Michelle Calleja Gafa



# Sommarju Eżekuttiv

L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030 għandha missjoni soċjali fil-qalba tagħha u għandha l-għan li ttejjeb il-ħajja ta' dawk l-aktar vulnerabbli permezz ta' firxa varjata ta' opportunitajiet ta' tagħlim. L-istrateġija, fil-fatt, se jkollha rwol ewlieni biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ħalli tiżdied kemm ir-rata tal-impjiegi kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim, filwaqt li titnaqqas ir-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar u/jew esklużjoni soċjali. Dinja li qed tinbidel malajr tfisser li t-tagħlim tul il-ħajja mhuwiex għażla iżda ħtieġa. Il-benefiċċji tat-tagħlim tul il-ħajja ma jiqfux fuq livell individwali iżda għandhom effetti li jinxterdu fuq il-livelli kollha tas-soċjetà inkluż l-industrija, il-komunità ċivika, u l-pajjiż inġenerali. L-istrateġija għandha l-għan li tilħaq dawn il-miri permezz ta' tliet pilastri, kull wieħed jiffoka fuq aspett importanti tat-tagħlim tul il-ħajja.

L-ewwel pilastru jiffoka fuq it-titjib ta' dawk l-opportunitajiet edukattivi mmirati lejn adulti b'ħiliet u kwalifiki baxxi li qegħdin f'riskju ogħla ta' qgħad, faqar, u esklużjoni soċjali. L-għan ta' dan il-pilastru huwa li jintroduċi miżuri li jtejbu l-aċċess u jneħħu dawk l-ostakli għat-tagħlim li jfixklu lill-gruppi vulnerabbli, bħal persuni b'kundizzjonijiet u problemi ta' diżabilità kronika, immigranti u dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ. Permezz tal-introduzzjoni tal-Linji Gwida Nazzjonali dwar il-Ħiliet Bażiċi għall-Adulti, dan il-pilastru jenfasizza l-importanza li jitkejlu l-ħiliet bażiċi tal-adulti sabiex jinftehem aħjar ix-xenarju lokali u jinstabu soluzzjonijiet ibbażati fuq il-fatti. Jipproponi wkoll l-iżvilupp ta' sistemi ta' traċċar dijanjostiku u tal-progress tal-istudenti biex jiġu pprovduti opportunitajiet ta' gwida u tagħlim aktar rilevanti u personalizzati. Fl-aħħar, jipproponi l-importanza ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali u mtejjeb.

It-tieni pilastru għandu l-għan li jiddiversifika l-metodi u l-opportunitajiet għat-tagħlim permezz tat-titjib u l-promozzjoni ta' tagħlim fil-komunità, ibbażat fuq ix-xogħol u forom oħra ta' għażliet ta' tagħlim informali u mhux formali. Dawn l-għażliet juru li l-edukazzjoni formali mhijiex l-unika triq li għandha tittieħed biex persuna titgħallem u jipprovdu l-flessibilità u l-alternattivi tant meħtieġa li l-istudenti adulti, bl-impenji diversi tagħhom, għandhom bżonn. Dan il-pilastru jipproponi wkoll miżuri biex jiżdiedu l-ħiliet relatati max-xogħol, l-intraprenditorija, u ħiliet transversali oħra. Jinkoraġġixxi wkoll ċittadinanza attiva, peress li dawn il-ħiliet huma kruċjali daqs kwalunkwe ħila oħra li tikkontribwixxi għal kwalità ta' ħajja tajba u soċjetajiet reżiljenti. Ir-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-tagħlim preċedenti se jżidu wkoll l-opportunitajiet għat-tagħlim tal-individwi.

L-għan tat-tielet pilastru huwa li jiżgura l-kwalità fil-provvista tal-korsijiet għat-tagħlim tul il-ħajja. L-istrateġija tipproponi li dan jiġi żgurat, permezz tal-faċilitazzjoni ta' bidla radikali fir-rwol perċepit tad-DRLLE, filwaqt li tenfasizza r-rwol nazzjonali usa' tagħha biex tikkoordina u toħloq sinerġija fost il-partijiet interessati tagħha. Miżuri oħra jinkludu t-titjib fil-ħiliet professjonali tal-edukaturi li jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti u t-twaqqif ta' mekkaniżmi li kontinwament jissorveljaw u jtejbu l-korsijiet għat-tagħlim tul il-ħajja offruti u jgħinu lill-adulti jieħdu deċiżjonijiet infurmati permezz ta' sistema ta' gwida indipendenti.

Biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-istrateġija tkun suċċess, ġiet stabbilita sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bi tliet saffi. Din tinkludi t-Task Force Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Perkorsi għat-Titjib tal-Ħiliet, il-Kumitat Tematiku tal-Politika u, fuq livell Ministerjali, id-Direttorat għal Monitoraġġ tal-Politika u l-Evalwazzjoni (PMED). Bħala konklużjoni, l-istrateġija għandha l-għan li tikseb dan ta' hawn fuq bl-għajnuna ta' riżorsi umani u finanzjarji adegwati u billi tadotta approċċ holistiku fejn il-partijiet interessati kollha, kemm dawk fis-settur tal-edukazzjoni kif ukoll lil hinn minnu, jaħdmu flimkien biex jiżguraw tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **AROPE** | Fir-Riskju tal-Faqar jew tal-Esklużjoni Soċjali |
| **CPD** | Żvilupp Professjonali Kontinwu |
| **CRPD** | Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità |
| **DRLLE** | Direttorat għar-Riċerka, it-Tagħlim tul-il-Ħajja u l-Impjegabbiltà |
| **ELET** | Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u mit-Taħriġ |
| **EQA** | Assigurazzjoni tal-Kwalità Esterna |
| **UE** | Unjoni Ewropea |
| **FITA** | Fondazzjoni għall-Aċċessibbiltà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| **FSWS** | Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali |
| **PDG** | Prodott Domestiku Gross |
| **GNLC** | Network Globali ta' Bliet ta' Tagħlim |
| **IQA** | Assigurazzjoni tal-Kwalità Interna |
| **LL** | Tagħlim tul il-Ħajja |
| **MEYR** | Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni |
| **MFHEA** | L-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla |
| **MQF** | Qafas Malti tal-Kwalifiki |
| **NGO** | Organizzazzjoni Mhux Governattiva |
| **OECD** | Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi |
| **PIAAC** | Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti |
| **PMED** | Direttorat għall-Monitoraġġ tal-Politika u l-Evalwazzjoni |
| **SAR** | Rapport ta' Awtoevalwazzjoni |
| **SME** | Intrapriża żgħira u ta' daqs medju |
| **SOP** | Proċeduri Operattivi Standard |
| **UNESCO** | Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura |



# Lista ta' Illustrazzjonijiet


| Paġna | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 9 | **Illustrazzjoni 1:** Ir-rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ fost l-adulti ta' bejn il-25 u l-64 sena (l-aħħar 4 ġimgħat) u l-miri nazzjonali tal-UE-2030 għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ |
| 27 | **Illustrazzjoni 2:** Sistema ta' monitoraġġ bi tliet saffi għall-kisba b'suċċess tal-għanijiet tal-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030 |


# Lista ta Tabelli


| Paġna | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 12 | **Tabella 1:** Għanijiet tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030 |
| 13 | **Tabella 2:** Sommarju tal-Pilastri, il-Miżuri u l-Azzjonijiet tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030 |

# Sfond

Permezz tal-**Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim** tul il-Ħajja, sal-2030, Malta impenjat ruħha li tilħaq dawn il-miri ambizzjużi:

1. Li jkollha rata ta' impjiegi ta' mill-inqas 86.4% tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena;
2. Li mill-inqas ikun hemm 57.6% tal-adulti kollha bejn il-25 u l-64 sena jipparteċipaw fit-tagħlim kull sena u;
3. Li jitnaqqas il-perċentwal ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) f'persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena bi 3.1 punti perċentwali (il-Kummissjoni Ewropea, 2022a).

Fi kliem **Ursula von der Leyen**, "L-edukazzjoni mhijiex biss preparazzjoni għall-ħajja, issir mod ta' ħajja." **(Il-Kummissjoni Ewropea, 2023)** Fit-12 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat l-2023 bħala s-Sena Ewropea tal-Ħiliet (il-Kummissjoni Ewropea, 2022b), filwaqt li enfasizzat li l-investiment fit-taħriġ mhuwiex biss it-triq it-tajba li għandha nsegwu, iżda wkoll il-ħaġa intelliġenti li għandha ssir. Id-dinja qed tiġi ttrasformata mit-teknoloġija u mit-**Tranżizzjoni Ekoloġika**, u dan qed iwassal għal impjiegi ġodda u modi differenti ta' ħidma (il-Kummissjoni Ewropea, 2023). Dan iżid id-domanda għall-ħiliet tekniċi, iżda fl-istess ħin ifisser li l-ħiliet bażiċi jibqgħu bħala kompetenzi fundamentali li fuqhom huma mibnija l-ħiliet l-oħra. In-numeriżmu, il-litteriżmu, u l-ħiliet diġitali jibqgħu l-pilastri għall-ħiliet emerġenti tas-seklu 21.

Wieħed minn kull ħamsa tal-adulti Ewropej isibu diffikultajiet fil-qari u l-kitba bażika, in-numeriżmu, u l-użu ta' għodod diġitali fil-ħajja ta' kuljum. L-istess numru ta' Ewropej adulti (madwar 22%) kisbu edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell. Mingħajr ħiliet bħal dawn, u bi kwalifiki ta' livell baxx, l-adulti jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, faqar, u esklużjoni soċjali (il-Kummissjoni Ewropea, n.d.). Din l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja qed tipproponi l-iżvilupp ta' Linji Gwida Nazzjonali dwar il-**Ħiliet Bażiċi għall-Adulti**, li huwa pass importanti biex jitnaqqsu dawn in-numri.

Bħalissa, huwa importanti ħafna li l-kunċetti tat-tagħlim u tal-edukazzjoni jiġu diżassoċjati mill-iskola obbligatorja. Id-dinja qed tevolvi kontinwament u issa, aktar minn qatt qabel, huwa importanti li nhaddnu t-tagħlim tul il-ħajja. Il-**Kummissjoni Ewropea** tiddikjara li t-tagħlim tul il-ħajja jinkludi l-attivitajiet ta' tagħlim kollha li jsiru matul il-ħajja bl-għan li l-individwu jtejjeb l-għarfien, il-ħiliet, u l-kompetenzi, b'perspettivi personali, ċiviċi, soċjali, jew relatati mal-impjiegi. It-tagħlim għall-adulti jfisser il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja. Normalment jirreferi għal attivitajiet ta' tagħlim wara t-tmiem tal-edukazzjoni inizjali u huwa komponent essenzjali ħafna tal-politika għat-tagħlim tul il-ħajja tal-Unjoni Ewropea (UE). L-indikatur ewlieni biex jitkejjel it-tagħlim għall-adulti huwa r-rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li tkopri l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali (Eurostat, n.d.).

Id-dritt għall-edukazzjoni, it-taħriġ, u t-tagħlim tul il-ħajja huwa minqux fil-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, li jiddikjara li sal-2030, 60% tal-adulti kollha għandhom ikunu qed jipparteċipaw f'xi forma ta' taħriġ kull sena. Madwar l-Ewropa, ftit wisq jipparteċipaw f'tagħlim regolari wara li jtemmu l-edukazzjoni inizjali tagħhom. Skont id-data tal-**Eurostat**, fl-2022, 12.8% biss taċ-ċittadini Maltin ta' bejn il-25 u l-64 sena pparteċipaw f'xi forma ta' edukazzjoni u taħriġ (Eurostat, 2023c). Din hija statistika inkwetanti, għax tista' tfisser li porzjon kbir mill-popolazzjoni adulta tagħna jista' ma jkollhiex il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex tirnexxi **fid-dinja tal-lum.**

## Ir-Rata ta' Parteċipazzjoni tal-Adulti (età 25-64) fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ fl-Aħħar 4 Ġimgħat




**Illustrazzjoni 1:** Ir-rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ fost l-adulti ta' bejn il-25 u l-64 sena (l-aħħar 4 ġimgħat) u l-miri nazzjonali tal-UE-2030 għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ (il-Kummissjoni Ewropea, 2022a; Eurostat, 2023c).

L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja tirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fl-isforzi li saru biex jiġi żgurat li l-persuni kollha li jgħixu f'Malta jkollhom aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ li jeħtieġu biex jirnexxu fil-ħajja personali, professjonali, u soċjali tagħhom.

L-adulti jimpenjaw ruħhom fit-tagħlim tul il-ħajja biex itejbu l-impjegabbiltà tagħhom u biex jiksbu ħiliet ġodda, iżda wkoll biex jiffaċilitaw l-iżvilupp personali tagħhom u, b'riżultat ta' dan, jikkontribwixxu għat-titjib tal-koeżjoni soċjali. L-importanza ta' adulti b'ħiliet u edukazzjoni tmur lil hinn mill-kunċett ta' edukazzjoni formali, peress li tinkludi wkoll it-tagħlim miksub b'modi mhux formali jew informali fi ħdan il-komunità. L-istudenti jridu jkunu kapaċi juru dak li jkunu tgħallmu u japplikaw dan l-għarfien f'xogħolhom u jtejbu aktar l-edukazzjoni u l-ħiliet tagħhom. Din l-istrateġija qed tipproponi diversi miżuri u azzjonijiet li se jsaħħu, jiżviluppaw, u jippromwovu l-għoti ta' opportunitajiet ta' tagħlim bħal dawn.

L-istrateġija għandha missjoni soċjali b'saħħitha fil-qalba tagħha, bil-għan li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' koorti li diffiċli jintlaħqu u dawk f'riskju ta' faqar, inklużi gruppi vulnerabbli u marġinali li jeħtieġu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid. Fl-aħħar snin, it-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja investiet fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha. Dan sar permezz tad-diversifikazzjoni tal-għoti tas-servizz permezz ta' korsijiet online sinkroniċi u bil-pass tal-individwu. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-promozzjoni u l-adozzjoni tal-Mikrokredenzjali biex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' servizz aktar modulari u flessibbli se jiġu adottati wkoll sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jagħżlu l-aħjar triq li tkun imfassla għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi personali tagħhom. Barra minn hekk, l-istrateġija qed tieħu l-inklużività pass 'il quddiem billi tapplika Disinn Inklużiv għat-Tagħlim biex toħloq esperjenzi ta' tagħlim li huma verament aċċessibbli għal kulħadd.



# Għanijiet u Objettivi

It-tagħlim iseħħ matul il-ħajja. L-Istrateġija Nazzjonali preċedenti għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2014-2020 wittiet it-triq għall-bidla. Il-programmi u l-azzjonijiet implimentati minn din l-istrateġija preċedenti wasslu għal ċerti bidliet u inizjattivi ta' politika li huma riflessi fl-Istrateġija Nazzjonali reċenti għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030. Ir-riċerka, is-sessjonijiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, u l-gruppi fokali ppermettew li din l-Istrateġija Nazzjonali tiġi abbozzata b'mod li tikkategorizza l-ambizzjonijiet u d-direzzjoni ewlenin tas-settur fi tliet pilastri, li kull wieħed minnhom għandu diversi azzjonijiet strateġiċi. It-tagħlim għall-adulti huwa investiment li jiggwadanja minnu kulħadd. M'hemmx tagħlim mingħajr benefiċċji ekonomiċi u soċjali. Huwa ċ-ċavetta għall-iżvilupp personali, soċjali, iċ-ċittadinanza attiva, u l-iżvilupp sostenibbli. Il-benefiċċji tat-tagħlim tul il-ħajja jilħqu kullimkien u jistgħu jinħassu fuq livell individwali, industrijali, u nazzjonali.

Studenti individwali jistgħu jiggwadanjaw bosta benefiċċji mill-involviment fit-tagħlim tul il-ħajja. Ekonomikament, normalment jirriżulta fi kwalità aħjar tax-xogħol, dħul ogħla, u impjegabbiltà aħjar. Barra minn hekk, it-tagħlim għall-adulti jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri ġenerali u saħħa ġenerali aħjar. L-involviment fit-tagħlim għall-adulti jagħti wkoll benefiċċji soċjali għall-istudenti billi jtejjeb l-involviment fl-attivitajiet komunitarji u ċiviċi. (Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali, u l-Inklużjoni, 2020)

L-industrija inġenerali għandha wkoll x'tiggwadanja minn forza tax-xogħol li qed titgħallem kontinwament. Il-kumpaniji li jinvestu fit-tagħlim u fl-iżvilupp tal-forza tax-xogħol tagħhom jistgħu josservaw titjib fil-kompetittività, fil-produttività, fl-innovazzjoni, u fil-profittabilità tagħhom. Barra minn hekk, it-tagħlim tul il-ħajja jgħin biex tinħoloq forza tax-xogħol aktar motivata, li jwassal għal żieda fis-sodisfazzjon tal-impjiegi u sussegwentement prestazzjoni aħjar. (Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali, u l-Inklużjoni, 2020)

Fuq skala akbar, il-komunitajiet jibbenefikaw ukoll minn inizjattivi ta' tagħlim għall-adulti. F'termini tal-ekonomija, it-tagħlim għall-adulti jrendi aktar kompetittività ekonomika u Prodott Domestiku Gross (PDG) ogħla. Il-benefiċċji soċjali jinkludu effetti pożittivi fuq is-saħħa, l-ambjent u l-integrazzjoni tal-komunità. (Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali, u l-Inklużjoni, 2020)

**Din l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030 għandha l-għan li:**

| |
|---|
| Tiffaċilita l-aċċess għat-tagħlim għall-adulti |
| Tikkontribwixxi għall-għan stabbilit mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex tintlaħaq il-mira ta' 60% tal-adulti kollha Ewropej li jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena sal-2030 |
| Toħloq sinerġija bejn diversi partijiet interessati |
| Tagħmel pressjoni għal konverżazzjoni nazzjonali dwar it-tagħlim għall-adulti |
| Ittejjeb kontinwament il-kwalità tat-tagħlim għall-adulti |
| Tappoġġa entitajiet oħra fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, bħat-Taqsima għall-Prevenzjoni ta' Dawk li Jitilqu Kmieni mill-Iskola, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet, li l-kompetenza tagħhom tikkoinċidi ma' jew tikkumplimenta dik tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja, u timplimenta elementi mill-istrateġiji tagħhom. |
| Tallinja l-provvista tal-korsijiet tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja mal-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet li qed jinbidlu ta' Malta u l-viżjoni ekonomika tal-Gvern tal-ġurnata |
| Ittejjeb l-aċċessibbiltà għat-tagħlim tul il-ħajja għal persuni b'diżabilità |
| Tippromwovi t-tagħlim komunitarju |
| Ittejjeb it-tagħlim informali u mhux formali |

**Tabella 1:** Għanijiet tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030

# Deskrizzjoni tal-Istrateġija

Din l-istrateġija hija integrata fil-Qafas għall-Istrateġija tal-Edukazzjoni għal Malta 2014-2024, u l-evidenza mir-riċerka tal-UE u dik lokali. Din tinkludi tliet pilastri prinċipali:

| Pilastru I | Pilastru II | Pilastru III |
|---|---|---|
| It-titjib tal-opportunitajiet edukattivi għal adulti b'ħiliet u kwalifiki baxxi | Id-diversifikazzjoni tal-metodi u l-opportunitajiet għat-tagħlim | L-iżgurar tal-kwalità fil-provvista tal-korsijiet għat-tagħlim tul il-ħajja |
| 7 miżuri | 4 miżuri | 5 miżuri |
| 21 azzjoni | 10 azzjonijiet | 19-il azzjoni |

**Tabella 2:** Sommarju tal-Pilastri, tal-Miżuri u tal-Azzjonijiet tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030

**L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030** tinkludi total ta' **3 Pilastri, 16-il Miżura u 50 Azzjoni**. Taħt id-direzzjoni tad-DRLLE fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), dawn jeħtieġ li jiġu implimentati minn diversi partijiet interessati fuq perjodu ta' seba' snin. Ingħatat attenzjoni biex issir enfasi fuq miżuri u azzjonijiet li huma ċari, li jistgħu jitkejlu u dawk li eventwalment se jħallu l-akbar impatt u benefiċċji għaċ-ċittadini.

**Pilastru I** jiffoka fuq it-titjib tal-opportunitajiet edukattivi għal adulti b'ħiliet u kwalifiki baxxi li huma f'riskju ogħla ta' qgħad, faqar, u esklużjoni soċjali. Miżuri u azzjonijiet speċifiċi f'dan il-pilastru biex jiġu indirizzati l-lakuni fil-ħiliet jinkludu l-iżvilupp ta' Linji Gwida Nazzjonali dwar il-Ħiliet Bażiċi għall-Adulti, li jesploraw kemm huwa fattibbli li jiġi introdott il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti (PIAAC), għodod aħjar għall-valutazzjoni tal-ħiliet u studji ta' traċċar tal-progress tal-istudenti adulti u aċċess imtejjeb u programmi personalizzati għall-ħtiġijiet ta' koorti diffiċli biex jintlaħqu bħall-immigranti, persuni b'kundizzjonijiet jew problemi ta' diżabilitajiet kroniċi u dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ.

**Pilastru II** għandu l-għan li jiddiversifika l-metodi u l-opportunitajiet għat-tagħlim permezz tat-titjib u l-promozzjoni ta' tagħlim komunitarju, ibbażat fuq ix-xogħol u forom oħra ta' għażliet ta' tagħlim informali u mhux formali. F'termini ta' miżuri u azzjonijiet biex jintlaħaq dan l-għan, l-istrateġija qed tipproponi l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' spazji flessibbli għat-tagħlim għall-adulti, il-ħolqien u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' tagħlim bħal dawn u l-kollaborazzjoni mal-industrija u s-settur tal-artiġjanat biex jiffukaw fuq dawk il-ħiliet tant meħtieġa f'dawn l-oqsma, bħall-intraprenditorija. Qed timpenja ruħha wkoll li tippromwovi n-Network Globali tal-Bliet għat-Tagħlim (GNLC) tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) bil-għan li tibni bliet għat-tagħlim u żżid it-tagħlim tul il-ħajja fi ħdan il-komunitajiet.

L-għan ta' **Pilastru III** huwa li tkun żgurata l-kwalità fil-provvista tal-korsijiet għat-tagħlim tul il-ħajja. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' djalogu u sforzi koordinati bejn il-partijiet interessati, it-titjib tal-kwalità istituzzjonali u tal-programm tal-korsijiet għat-tagħlim tul il-ħajja u billi jsir sforz biex il-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti jiġi professjonalizzat u jingħata importanza. Jenfasizza wkoll l-iżvilupp ta' unità ta' gwida indipendenti li tinkludi s-servizzi ta' psikologu edukattiv u speċjalisti oħra fil-qasam biex jappoġġaw lill-adulti fil-vjaġġ tagħhom għat-tagħlim tul il-ħajja u biex jippromwovu kultura fejn il-gwida matul il-ħajja tiġi normalizzata.

# Pilastru I: It-Titjib tal-Opportunitajiet Edukattivi għal Adulti b'ħiliet u bi Kwalifiki Baxxi f'riskju ogħla ta' Qgħad, Faqar, u Esklużjoni Soċjali

Pilastru I għandu l-għan li jnaqqas il-lakuni fil-ħiliet u li jtejjeb l-opportunitajiet edukattivi għal koorti vulnerabbli li jgħixu f'Malta, kemm jekk ċittadini nattivi kif ukoll immigranti. Skont il-Eurostat, f'Marzu 2023, Malta kellha waħda mill-inqas rati ta' qgħad bi 2.9%, meta mqabbel mal-medja Ewropea ta' 6% (Eurostat, 2023b). Dan il-livell baxx ta'qgħad, flimkien mat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż, potenzjalment aljenaw lil ħafna mill-ħtieġa li jindirizzaw ċerti kwistjonijiet fosthom kriżi ta' ħiliet bażiċi. Bħala eżempju, ir-rati għoljin ta' impjieg jagħmlu l-10.1% tal-individwi li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (Eurostat, 2023a) u s-36.7% taż-żgħażagħ ta' 15-il sena minn sfond soċjoekonomiku baxx li jissieltu mal-ħiliet bażiċi (Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, 2022) jidhru li ma tantx huma ta' problema. Jaljena wkoll il-fatt li bi 12.8%, l-adulti li jgħixu f'Malta huma fost l-inqas li jipparteċipaw fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ fl-Ewropa (Eurostat, 2023c).

Ċaqliq u bidliet enormi fid-dinja saru kostanti u jqajmu tħassib li n-nies mhux se jkollhom il-ħiliet meħtieġa, bħall-ħiliet diġitali, biex jikkomunikaw b'mod effettiv, biex isostnu l-ekonomija u biex iżommu livell ta' għajxien tajjeb fi żminijiet ta' kriżi u/jew aktar tard fil-ħajja. Għal individwi b'livell edukattiv baxx, l-isfida tiġi meta n-nuqqas ta' ħiliet bażiċi tagħhom jibda jillimita l-indipendenza tagħhom u jimpedihom milli jimxu 'l quddiem jew 'il fuq f'diversi aspetti ta' ħajjithom. Pilastru I jġib dawn il-kwistjonijiet fuq quddiem nett sabiex jindirizzahom billi jieħu azzjonijiet speċifiċi li jżidu l-kisba edukattiva ta' dawk b'ħiliet baxxi u bi kwalifiki baxxi.

| Il-Miżura | In-Numru tal-Azzjoni | L-Azzjoni |
|---|---|---|
| **Miżura Strateġika 1:** Tindirizza d-diskrepanzi fil-ħiliet bażiċi billi jiġu introdotti Linji Gwida Nazzjonali dwar il-Ħiliet Bażiċi għall-Adulti | 1 | Tiġi esplorata l-fattibbiltà tal-introduzzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-PIAAC biex ikejlu l-ħiliet fil-litteriżmu, fin-numeriżmu u fis-soluzzjoni tal-problemi tal-adulti li jgħixu f'Malta. |
| | 2 | L-iżvilupp u l-adozzjoni tal-Linji Gwida Nazzjonali dwar il-Ħiliet Bażiċi għall-Adulti bil-ħolqien ta' linji gwida u qafas għall-ħiliet bażiċi permezz ta' kollaborazzjoni ma' sħab barranin u nazzjonali. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu allinjati mal-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu 2021-2030 u għandhom jiġu segwiti mill-partijiet interessati nazzjonali li joffru korsijiet ta' ħiliet bażiċi. |
| | 3 | Żieda fl-għadd ta' edukaturi għall-adulti speċjalizzati fit-tagħlim tal-ħiliet bażiċi, kif ukoll titjib tal-ħiliet tal-edukaturi attwali billi nħeġġu lill-partijiet interessati jiżviluppaw u regolarment joffru premjijiet u forom oħra ta' opportunitajiet ta' żvilupp kontinwu. |
| | 4 | Żvilupp ta' programmi edukattivi f'forma modulari dwar il-litteriżmu, in-numeriżmu, il-ħiliet diġitali, u l-ħiliet għall-ħajja permezz ta' modi differenti ta' tagħlim. Dawn se jqisu wkoll l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-UNESCO u l-ħtiġijiet lokali/globali bħat-tranżizzjoni ekoloġika, l-għarfien dwar l-oċeani, is-saħħa u l-benesseri. |
| **Miżura Strateġika 2:** Tindirizza d-defiċit fil-ħiliet billi jiġu introdotti miżuri ta' valutazzjoni tal-ħiliet għall-korsijiet tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja | 1 | Żvilupp ta' valutazzjoni dijanjostika biex jiżdied it-tqabbil aħjar bejn l-istudenti u l-korsijiet. Din il-valutazzjoni dijanjostika jeħtieġ li tinforma t-twassil tal-korsijiet u tippermetti rieżami biex tiġi żgurata l-effikaċja fit-twassil. |
| | 2 | Jingħata appoġġ lill-istudenti biex jirreġistraw u jinvolvu ruħhom fit-tagħlim fil-livell xieraq. |
| **Miżura Strateġika 3:** Twettaq studju ta' traċċar tat-tagħlim fit-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja | 1 | Żvilupp tal-infrastruttura teknika għat-traċċar awtomatizzat u f'waqtu tal-attendenza u l-parteċipazzjoni tal-istudenti fil-klassi biex jiġu identifikati immedjatament dawk l-istudenti li potenzjalment ma jibqgħux jistudjaw sabiex it-tim ta' gwida jkun jista' jipprovdi mentoraġġ, appoġġ u fejn meħtieġ medjazzjoni bil-ħsieb li jonqsu l-istudenti li ma jibqgħux jistudjaw. |
| | 2 | Żvilupp ta' politika ta' traċċar tal-istudenti għall-istudenti rreġistrati fil-korsijiet fil-litteriżmu u fin-numeriżmu tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja. Din il-politika ta' traċċar għandha tinkludi l-intraċċar tal-progressjoni edukattiva u fl-impjieg ta' studenti fl-età tax-xogħol. |
| | 3 | Ġabra u analiżi ta' data lonġitudinali u fehim tal-prattiċi ta' parteċipazzjoni għal aktar titjib fis-servizzi. |
| **Miżura Strateġika 4:** Tappoġġa lill-adulti biex jaċċessaw għajnuna finanzjarja għat-tagħlim | 1 | Reviżjoni tal-adozzjoni, l-impatt, u l-eżiti fit-tul tal-opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti disponibbli għall-adulti li jixtiequ jkomplu t-tagħlim tagħhom biex jiġu identifikati lakuni u jitressqu rakkomandazzjonijiet. |
| | 2 | Offerta ta' opportunitajiet ta' finanzjament emendati jew ġodda bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju. |
| **Miżura Strateġika 5:** Ittejjeb aċċessibbiltà tal-provvista tal-korsijiet għat-tagħlim tul il-ħajja għal persuni b'kundizzjonijiet jew problemi kroniċi ta' diżabilità | 1 | Twettiq ta' riċerka biex jiġu ddokumentati l-opportunitajiet attwali kollha disponibbli u tinforma l-iżvilupp ta' korsijiet ġodda mmirati lejn it-tagħlim tal-ħiliet għall-għajxien indipendenti u l-impjieg. |
| | 2 | Ħolqien ta' repożitorju ta' dawn l-opportunitajiet ta' tagħlim disponibbli fuq is-sit tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja. Titqajjem kuxjenza dwar dawn il-korsijiet biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' persuni b'kundizzjonijiet jew problemi kroniċi ta' diżabilità. |
| | 3 | Jiġu żviluppati u rikonoxxuti korsijiet immirati lejn it-tagħlim tal-ħiliet għall-għajxien indipendenti u l-impjieg fejn jeżistu lakuni fl-offerta disponibbli attwali. |

| | | |
|---|---|---|
| | 4 | It-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja se tadotta disinn inklużiv għat-tagħlim meta tkun qed tirrevedi u tiżviluppa l-Programmi ta' Ħiliet Essenzjali tagħha biex tagħmilhom aċċessibbli għal kulħadd. Il-metodi u r-riżorsi żviluppati se jiġu riveduti minn persuni b'kundizzjonijiet jew problemi kroniċi ta' diżabilità u minn entitajiet u/jew esperti fil-qasam tal-inklużjoni.<br><br>L-aċċess u l-issodisfar tal-ħtiġijiet biex jingħelbu l-ostakli esperjenzati minn gruppi differenti għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fir-rigward tal-informazzjoni u l-promozzjoni tal-korsijiet, it-tul ta' żmien, il-ħin, il-post, u t-trasport għall-korsijiet. |
| | 5 | Twettiq ta' evalwazzjoni tal-aċċessibbiltà tal-ispazji għat-tagħlim li fihom jiġu pprovduti l-korsijiet tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards. Ippjanar ta' titjib infrastrutturali jew alternattiv fin-nuqqas ta' konformità. |
| **Miżura Strateġika 6:** Tnaqqas id-diskrepanza fl-inugwaljanza edukattiva bejn iċ-ċittadini Maltin u l-immigranti li jgħixu f'Malta | 1 | Jiġi stabbilit grupp ta' ħidma komunitarju li jittratta wkoll l-edukazzjoni tal-immigranti. Dan il-grupp ta' ħidma għandu jiżgura li l-offerta ta' tagħlim qed tasal għand l-immigranti kollha biex tippermetti trattament ġust u ugwali. |
| | 2 | Il-ħolqien ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li jiffukaw fuq il-motivazzjoni tal-istudenti adulti permezz ta' kampanja edukattiva mmirata lejn l-immigranti li żżid l-għarfien dwar il-korsijiet, il-miżuri ta' gwida u l-appoġġ li huwa disponibbli. |
| | 3 | Żvilupp ta' ftehimiet mal-partijiet interessati fil-qasam tal-migrazzjoni sabiex l-immigranti li jkunu għadhom kif waslu, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, jiġu riferuti lit-tim ta' gwida tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja. Għandu jiġi żgurat li t-tim ta' gwida jiżviluppa kompetenzi kulturali. |
| **Miżura Strateġika 7:** It-tagħlim għall-adulti bħala miżura ta' kumpens għat-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ELET) | 1 | It-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja għandha taħdem mat-Taqsima ELET fi ħdan id-DRLLE biex tappoġġa lill-iskejjel fl-għoti ta' taħriġ lill-ġenituri u lill-kustodji ta' studenti f'riskju li jispiċċaw mill-iskola qabel iż-żmien. It-Taqsima ELET għandha wkoll tirreferi lil kwalunkwe ġenitur u kustodju għal talbiet individwali speċifiċi jew ħtiġijiet lill-professjonisti tal-gwida tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja. |
| | 2 | L-introduzzjoni ta' mikrokredenzjali billi jiġu promossi korsijiet flessibbli u modulari f'diversi dati matul is-sena kalendarja biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għal programmi ta' edukazzjoni kompensatorja. |

# Pilastru II: Diversifikazzjoni tal-Metodi u tal-Opportunitajiet għat-Tagħlim

Skont id-data tal-Eurostat, fl-2022, 12.8% biss taċ-ċittadini Maltin ta' bejn il-25 u l-64 sena pparteċipaw f'forma ta' edukazzjoni u taħriġ annwali (Eurostat, 2023c). Din l-istatistika hija allarmanti għax tibgħat il-messaġġ li porzjon tajjeb mill-popolazzjoni adulta tagħna ma kisibx il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex jirnexxi fid-dinja tal-lum aħseb u ara f'dik ta' għada. Malta issa impenjat ruħha li żżid din iċ-ċifra għal 57.6% sas-sena 2030 (Kummissjoni Ewropea, 2022a). Dan huwa dak li Pilastru II għandu l-għan li jindirizza billi jitbiegħed minn mudell tradizzjonali li jiffoka biss fuq l-edukazzjoni formali mogħtija fi ħdan l-istituzzjonijiet edukattivi u jersaq lejn metodi u opportunitajiet diversi għat-tagħlim.

L-adulti għandhom diversi ħtiġijiet u impenji individwali li jvarjaw mill-familja għax-xogħol, li joħolqu talbiet enormi fuq il-ftit ħin li jifdlilhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Biż-żieda u l-promozzjoni ta' metodi differenti ta' tagħlim bħat-tagħlim informali, mhux formali, komunitarju u dak ibbażat fuq ix-xogħol kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji moderni, l-adulti se jingħataw il-flessibilità li tant jeħtieġu biex jitgħallmu. Il-probabbiltà li l-adulti jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' tagħlim tiżdied meta dawn jingħataw għażliet biex jiddeċiedu meta, fejn, kemm-il darba, u għal kemm tul ta' żmien jixtiequ jitgħallmu. Barra minn hekk, ir-riċerka (Borg, Mayo & Raykov, 2016) uriet li persuni b'livell edukattiv baxx, bħal dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien, huma kontra l-ambjenti tradizzjonali tal-iskola u jippreferu jipparteċipaw fit-tagħlim informali u prattiku minflok f'edukazzjoni formali.



| Il-Miżura | In-Numru tal-Azzjoni | L-Azzjoni |
|---|---|---|
| **Miżura Strateġika 1**: Tippromwovi t-Tagħlim Komunitarju | 1 | Tiġi żviluppata funzjoni ta' Tagħlim Komunitarju bħala parti mit-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja bil-ħsieb li tifhem il-bżonnijiet u tippromwovi t-tagħlim fi ħdan komunitajiet speċifiċi. Jitwaqqaf grupp ta' ħidma li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni u s-sinerġija bejn diversi partijiet interessati fi ħdan il-komunità bil-għan li jtejjeb, isaħħaħ, u jippromwovi l-provvista lill-adulti li diffiċli jintlaħqu. |
| | 2 | Jiġu identifikati u żviluppati spazji flessibbli għall-adulti biex jinvolvu ruħhom fit-tagħlim, permezz ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet fi ħdan il-komunità fosthom Skejjel, Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs), Kunsilli Lokali, Libreriji, u Mużewijiet. |
| | 3 | Jiġi msaħħaħ l-għoti ta' edukazzjoni għaċ-ċittadinanza attiva, li toffri opportunitajiet edukattivi mhux formali li jiffukaw fuq aspetti differenti ta' kif persuna ssir membru impenjat fil-komunità. |
| **Miżura Strateġika 2**: Issaħħaħ it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol b'kollaborazzjoni mal-industrija | 1 | Tiġi żviluppata kampanja ta' sensibilizzazzjoni għal dawk li jħaddmu biex jesploraw il-possibbiltajiet li jipprovdu taħriġ għal impjegabbiltà aħjar u biex jispjegaw l-importanza ta' ħiliet bażiċi u ħiliet trasversali biex persuna tlaħħaq ma' suq li qed jinbidel. Issir kollaborazzjoni mal-assoċjazzjonijiet u l-kmamar ta' min iħaddem biex jinkoraġġixxu lill-kumpaniji u lill-Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) biex jipprovdu dan it-taħriġ lill-impjegati tagħhom. |
| | 2 | Issir kollaborazzjoni mas-Settur tal-Artiġjanat Malti bil-għan li titqajjem kuxjenza u tinbidel il-provvista tal-korsijiet tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja b'mod li jippermetti perkorsi ta' tagħlim u jissensitizza l-intraprenditorija soċjali. Tiġi esplorata l-possibilità li jiżdiedu aktar korsijiet tas-snajja', speċjalment dawk f'riskju li jmutu, ma' dawk ipprovduti mit-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja. |

| | | |
|---|---|---|
| **Miżura Strateġika 3:** Tirrikonoxxi u tivvaluta t-tagħlim preċedenti | 1 | Tiġi esplorata l-introduzzjoni ta' Rikonoxximent ta' Politika ta' Tagħlim Preċedenti għat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja fi ħdan id-DRLLE li hija Istituzzjoni ta' Edukazzjoni liċenzjata mill-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA). |
| **Miżura Strateġika 4:** Tqajjem kuxjenza, ittejjeb il-provvista, u toħloq ambjenti li jwasslu għal Tagħlim Informali u Mhux Formali | 1 | Tiġi esplorata l-possibilità li jitjieb u jiġi żviluppat l-għoti ta' tagħlim informali u mhux formali billi jiġu meqjusa u riveduti l-opportunitajiet attwali disponibbli. Issir kollaborazzjoni mal-partijiet interessati inklużi l-kontropartijiet Ewropej biex nitgħallmu mill-aħjar prattiki. |
| | 2 | Titqajjem kuxjenza u tiżdied il-parteċipazzjoni f'opportunitajiet ta' tagħlim informali u mhux formali billi jinħoloq repożitorju faċilment aċċessibbli ta' opportunitajiet bħal dawn fuq is-sit għat-Tagħlim tul il-Ħajja. |
| | 3 | Tibda parteċipazzjoni fi proġetti ffinanzjati mill-Erasmus li jiffukaw fuq Opportunitajiet ta' Tagħlim Mhux Formali bil-possibilità ta' żjarat ta' studju kemm għall-edukaturi kif ukoll għall-istudenti. |
| | 4 | Kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali biex issir promozzjoni tal-GNLC tal-UNESCO bil-għan li jinbnew bliet ta' tagħlim u jiżdiedu l-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja fi ħdan il-komunitajiet. |

# Pilastru III: L-iżgurar tal-Kwalità tal-Korsijiet tat-Tagħlim tul il-Ħajja

Il-miżuri u l-azzjonijiet fi ħdan Pilastru III jiddeskrivu l-impenn biex tittejjeb il-kwalità ġenerali tal-provvista tal-korsijiet għat-tagħlim tul il-ħajja. Il-kwalità fil-provvista ma tistax tiżviluppa b'mod adegwat mingħajr ma jiġi rikonoxxut li l-edukazzjoni tal-adulti hija settur għalih, li għandu bżonn edukaturi li huma mħarrġa u rikonoxxuti bħala speċjalisti fil-qasam. Dan il-Pilastru għandu l-għan li jtejjeb dan billi jimplimenta sistema li tirrikonoxxi, tħarreġ, u toħloq formalment komunitajiet ta' prattika għall-professjonisti f'dan is-settur. Id-djalogu u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati, kemm fis-settur tal-Edukazzjoni kif ukoll barra minnu, hija ħtieġa oħra sabiex tiġi żgurata l-kwalità fil-provvista tal-korsijiet għat-tagħlim tul il-ħajja peress li din toħloq sinerġija, tnaqqas id-duplikazzjoni tax-xogħol, u tgħin lill-istudenti biex jinnavigaw is-sistema faċilment. Fil-fatt, djalogu bħal dan huwa importanti ħafna wkoll biex jiġi żgurat it-tnaqqis tar-rata AROPE ta' persuni bejn l-20 u l-64 sena li fl-2022 kienet ta' 15.5%. Sal-2030, Malta trid tnaqqas din ir-rata bi 3.1 punti perċentwali (il-Kummissjoni Ewropea, 2022a). Din l-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja hija waħda miċ-ċwievet li għandha l-għan li tnaqqas dan.

Is-sistema edukattiva għall-adulti ma tidhirx li hija l-aktar mod effettiv biex jintlaħqu adulti b'edukazzjoni baxxa li jeħtieġu ħiliet bażiċi, peress li din is-sistema mhijiex waħda li l-grupp fil-mira normalment jinvolvi ruħu fiha. Dan jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' servizz ta' gwida indipendenti u l-ħtieġa ta' kollaborazzjonijiet b'suċċess ma' servizzi oħra, li jippermettu sistema ta' riferiment bejn l-organizzazzjonijiet (Carpentieri et al., 2018). Permezz ta' laqgħat mal-fornituri diretti tas-servizzi ta' organizzazzjonijiet bħal Jobsplus, Aġenzija Sapport, u l-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) tista' tiġi stabbilita relazzjoni kollaborattiva li tgħin biex persuna timpenja ruħha sew fit-tagħlim biex tilħaq il-koorti u l-organizzazzjoni kollaboratriċi nnifisha, peress li l-persunal fi ħdan dik l-organizzazzjoni se jkun aktar infurmat dwar kif jista' jappoġġa lill-utenti tagħhom bi ħtiġijiet relatati mal-edukazzjoni tagħhom.

| Il-Miżura | In-Numru tal-Azzjoni | L-Azzjoni |
|---|---|---|
| **Miżura Strateġika 1:** Twettaq bidla radikali fil-perċezzjoni tad-DRLLE għal rwol nazzjonali usa' u punt ta' referenza rispettat | 1 | Issir koordinazzjoni u ħolqien ta' djalogu fost il-partijiet interessati, inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għall-adulti, Ministeri oħra, entitajiet pubbliċi u privati, l-industrija, l-NGOs, u membri tas-soċjetà ċivili, bl-objettiv li jinħolqu sinerġija, sostenibbiltà u tagħlim mill-aħjar prattiki. |
| **Miżura Strateġika 2:** Issaħħaħ il-professjonalità tal-edukaturi u ta' persunal ieħor li jaħdem fl-andragoġija | 1 | Esplorazzjoni tal-possibilità li tiġi żviluppata u implimentata sistema li tirrikonoxxi formalment lill-edukaturi tal-adulti. |
| | 2 | Issir kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta, l-Istitut għall-Edukazzjoni, u l-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex tiġi żgurata l-provvista regolari ta' korsijiet akkreditati fl-andragoġija u opportunitajiet ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu (CPD). |
| | 3 | Ħolqien ta' komunitajiet ta' prattika u spazji fejn l-edukaturi jikkollaboraw u jaqsmu l-għarfien, ir-riżorsi, u l-aħjar prattiki tagħhom. Issir promozzjoni ta' dawn l-opportunitajiet u l-attivitajiet fost l-edukaturi u l-persunal li jaħdmu fi ħdan il-provvista tat-tagħlim għall-adulti. |
| **Miżura Strateġika 3:** Ittejjeb il-kwalità istituzzjonali tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja | 1 | Jiġi stabbilit "Grupp ta' riflessjoni" intern biex jipproponi ideat għat-twessigħ u t-titjib tal-provvista tal-korsijiet għat-Tagħlim tul il-Ħajja. |
| | 2 | Isir titjib, formalizzazzjoni, jew żvilupp ta' proċeduri operattivi standard (SOPs) ġodda għat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja, inklużi dawk relatati mat-tagħlim u l-apprendiment, il-parteċipazzjoni u r-rispons tal-istudenti u s-CPD tal-persunal. |
| | 3 | Issir reviżjoni u jiġi aġġornat id-Dokument tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità Interna (IQA), filwaqt li jitqies r-rispons u r-rakkomandazzjonijiet mir-rapport tal-Awditur tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità Esterna (EQA). |
| | 4 | Jiġi mħejji Rapport ta' Awtovalutazzjoni (SAR) bi tħejjija għall-EQA li jmiss. |
| | 5 | Titjib fil-kwalità tal-provvista tal-korsijiet billi jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-EQA tal-MFHEA. |
| **Miżura Strateġika 4:** Ittejjeb il-kwalità tal-programm tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja | 1 | Tiġi riveduta l-provvista tal-korsijiet għat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja biex ikun żgurat allinjament mal-livelli tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (MQF) u jiġu aġġornati l-programmi kollha kif meħtieġ. |
| | 2 | Jiġi introdott ambjent ta' tagħlim virtwali biex jikkumplimenta t-tagħlim fil-klassi u titjieb il-provvista tal-eCollege. |
| | 3 | Tiġi introdotta sistema biex kull sena tiġbor ir-rispons tal-istudenti filwaqt li tanalizza wkoll data diġà disponibbli biex tinforma l-proċess ta' informazzjoni dwar in-negozju tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja kif ukoll id-disinn tal-kors, ir-reviżjoni, u l-firxa tal-offerta. |
| **Miżura Strateġika 5:** Tappoġġa lill-adulti biex jieħdu deċiżjonijiet edukattivi infurmati permezz ta' sistema ta' gwida | 1 | Jiġi pprovdut taħriġ lill-persunal tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja li jista' jinteraġixxi ma' studenti attwali jew prospettivi fit-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja, dwar l-offerta tal-kors, taħriġ dwar opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabilità u materji rilevanti oħra. |
| | 2 | Jiġi żviluppat pjan ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni biex issir ħidma biex jintlaħqu n-nies u tkun promossa l-gwida mal-partijiet interessati, studenti, u edukaturi. Dan jeħtieġ li jseħħ fl-istess ħin li d-DRLLE jżid il-kapaċità tal-persunal tat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja biex dan jipprovdi gwida lil dawk li jeħtieġu dawn is-servizzi. |

| | | |
|---|---|---|
| | 3 | Tiġi stabbilita sistema ta' gwida indipendenti flimkien mal-partijiet interessati, bil-għan li tappoġġa lill-adulti fl-opportunitajiet edukattivi b'mod li jkun iffukat fuq l-istudenti u newtrali li jkun sensittiv għad-diversità u li jadotta prattiki li jwasslu għall-ugwaljanza. |
| | 4 | It-tim ta' gwida għandu jidħol fi djalogu mal-partijiet interessati tal-industrija biex iħajjar lill-industrija toffri opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għall-persunal tagħhom u biex inaqqas id-diskrepanzi eżistenti bejn l-aspirazzjonijiet tal-karriera tal-istudenti u l-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol. |
| | 5 | Tinħoloq kultura fejn il-gwida matul il-ħajja tkun in-norma u mistennija u jiġi promoss it-tagħlim tul il-ħajja biex l-adulti jkunu mħeġġa jikkunsidraw it-tagħlim bħala għażla għat-titjib tagħhom infushom u tal-prospetti tagħhom. |
| | 6 | It-tim ta' gwida għandu jkun ikkumplementat minn Psikologu Edukattiv u Speċjalista fid-Diffikultajiet fit-Tagħlim biex jgħinu lill-istudenti jegħlbu l-ostakli għat-tagħlim. |
| | 7 | Ikun hemm impenn qawwi biex jintlaħqu koorti, inklużi adulti b'ħiliet u kwalifiki baxxi, permezz ta' sistema ta' riferiment, billi jitrawmu relazzjonijiet b'saħħithom u ssir ħidma id f'id ma' entitajiet, NGOs, u professjonisti li l-utenti tas-servizz tagħhom ikunu ġejjin minn dawn l-istess koorti. |

# Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Istrateġija

L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja se titkejjel kull sena skont l-azzjonijiet strateġiċi stabbiliti u spjegati fil-qosor. Sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet stabbiliti minn din l-istrateġija jintlaħqu b'suċċess, ġiet stabbilita sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bi tliet saffi. L-ewwel saff huwa d-DRLLE u t-Task Force Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Perkorsi għat-Titjib tal-Ħiliet li l-objettiv primarju tagħhom huwa li jippossjedu, imexxu, u jikkoordinaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija.

It-task force mhijiex limitata biss għall-membri li ġejjin mis-settur tal-edukazzjoni għall-adulti, iżda tinkludi wkoll dawk interministerjali biex tiżgura rappreżentanza aħjar u perspettivi usa' minn setturi oħra. It-tieni saff huwa l-Kumitat Tematiku tal-Politika li jinħatar mis-Segretarju Permanenti u jara li l-miri qed jintlaħqu fil-ħin. Barra minn hekk, it-tielet saff huwa ffurmat mill-PMED fi ħdan il-MEYR, fejn dan iżid livell Ministerjali ta' monitoraġġ peress li d-Direttorat għandu l-funzjoni li jimmonitorja l-miri kollha relatati mal-politika tal-MEYR.




**Illustrazzjoni 2**: Sistema ta' monitoraġġ bi tliet saffi għall-kisba b'suċċess tal-għanijiet tal-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030

# Konklużjoni u t-Triq 'il Quddiem

It-testimonjanzi tal-istudenti u r-rispons tal-persunal jirriflettu l-impatt pożittiv tal-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2014-2020. Għalhekk, l-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030 inbniet biex tipperpetwa l-valuri u l-inizjattivi mressqa fil-prekursur tagħha u tfittex li twitti t-triq għal futur ta' suċċess għat-Tagħlim tul il-Ħajja f'Malta, f'kuntest ta' wara l-Covid.

Il-politiki edukattivi kollha huma releтati f'diversi livelli. Fil-kuntest usa' tal-edukazzjoni, l-edukazzjoni għall-adulti, speċjalment il-ħiliet bażiċi fl-edukazzjoni għall-adulti, se tibqa' metodu ta' kumpens biex tippermetti lill-adulti l-possibbiltà li jitgħallmu l-ħiliet li kellhom jiġu mgħallma matul l-edukazzjoni primarja u sekondarja. Bl-implimentazzjoni ta' tfassil effettiv tal-politika mmirat lejn studenti fl-edukazzjoni obbligatorja, dan se jikkontribwixxi għal rati aħjar ta' litteriżmu fost l-adulti, aktar żgħażagħ fl-impjieg, fl-edukazzjoni, jew fit-taħriġ u forza tax-xogħol b'aktar ħiliet. Dan juri l-importanza li l-istrateġiji relatati kollha jkunu sinkronizzati u jaħdmu lejn għanijiet komuni.

L-għanijiet u l-miri ambizzjużi li jiffukaw fuq l-istudenti stabbiliti minn din l-istrateġija ma jistgħux jintlaħqu mingħajr edukaturi tal-adulti u riżorsi umani mħarrġa, kif ukoll finanzjament adegwat. Għal darb'oħra, se ssir enfasi biex it-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja tkompli tingħata opportunitajiet varji biex tkompli t-taħriġ tagħha permezz ta' diversi sessjonijiet multidimensjonali u multidixxiplinarji tas-CPD li jipprovduhom bil-ħiliet meħtieġa biex itejbu b'mod kostanti s-servizzi tad-DRLLE u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija.

Fl-isforzi kontinwi tagħha biex tibni servizz li jaqdi l-koorti diversi tal-istudenti f'Malta, it-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja għandha l-għan li tkompli tiżviluppa, issaħħaħ u tippromwovi servizz ta' gwida li jkun miftuħ għall-istudenti adulti kollha attwali u prospettivi. F'dan l-isforz ma jeżistux kompetituri iżda kollaboraturi biss u s-servizz ta' gwida se jipprovdi lill-adulti li jgħixu f'Malta bil-gwida korretta fir-rigward tal-vjaġġ ta' edukazzjoni tul il-ħajja tagħhom, irrispettivament f'liema istituzzjoni ta' tagħlim il-vjaġġ tagħhom jista' jwassalhom.

L-aċċessibbiltà hija prijorità oħra tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030. Billi tikkommetti ruħha għall-iżvilupp tal-Linji Gwida Nazzjonali tal-Ħiliet Bażiċi għall-Adulti, tikkollabora mal-Fondazzjoni għall-Aċċessibbiltà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (FITA) u mal-Kummissjoni  għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) qabel it-tiġdid tas-sit elettroniku għat-tagħlim tul il-ħajja, u billi tikkonsulta ma' esperti nazzjonali u barranin dwar l-implimentazzjoni ta' Disinn Inklużiv għat-Tagħlim, l-istrateġija għandha l-għan li tippromwovi l-valuri ta' diversità u inklużività.

Bħala konklużjoni, l-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja 2023-2030 tfassal it-triq 'il quddiem għat-Taqsima għat-Tagħlim tul il-Ħajja fi ħdan id-DRLLE, iżda tinkludi wkoll id-direzzjoni għat-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni għall-adulti fuq skala nazzjonali. Il-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet li joffru taħriġ għall-adulti f'Malta u partijiet interessati se tikkontribwixxi lejn ekonomija aktar b'saħħitha u reżiljenti u, aktar importanti minn hekk, twassal għal ċittadini b'aktar ħiliet, aktar reżiljenza, u aktar sodisfazzjon.



# Referenzi

Borg, C., Mayo, P. & Raykov, M. (2016), Adult learning in Malta: Insights into current participation, content and forms of adult learning, Il-Fakultà tal-Edukazzjoni, Università ta' Malta. Disponibbli: https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/21902/1/adult_learning_in_malta.pdf [24 ta' Ġunju 2023].

Carpentieri, JD., Litster, J., Cara, O. & Popov, J. (2018), Guidance and Orientation for Adult Learners (GOAL): Final cross-country evaluation report. UCL Institute of Education: Londra, ir-Renju Unit. Disponibbli: https://discovery.ucl.ac.uk/id/eprint/10043122/ [6 ta' Lulju 2023].

Education and Training Monitor (2022), Equity and inclusion. Disponibbli: https://op.europa.eu/webpub/eac/education-and-training-monitor-2022/en/monitor-toolbox/equity-and-inclusion.html. [3 ta' Lulju 2023].

Il-Kummissjoni Ewropea (n.d.), Upskilling Pathways - New opportunities for adults. Disponibbli: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1224 [13 ta' Ġunju 2023].

Il-Kummissjoni Ewropea (2022a), Commission welcomes Member States' targets for a more social Europe by 2030. Disponibbli: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&furtherNews=yes&newsId=10299 [13 ta' Ġunju 2023].

Il-Kummissjoni Ewropea (2022b), European Commission declares 2023 the European Year of Skills. Disponibbli: https://pact-for-skills.ec.europa.eu/about/news-and-factsheets/european-commission-declares-2023-european-year-skills-2022-10-28_en [13 ta' Ġunju 2023].

Il-Kummissjoni Ewropea (2023), The European Year of Skills Festival. Disponibbli: https://www.youtube.com/watch?v=zip4Vvxk75Y [13 ta' Ġunju 2023].

Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (2020), Achievements under the renewed European agenda for adult learning (2011-2018): report of the ET 2020 working Group on adult learning (2018-2020). Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Disponibbli: https://data.europa.eu/doi/10.2767/583401 [6 ta' Lulju 2023].

Eurostat (n.d.), Lifelong learning (LLL) and Adult Learning. Disponibbli: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Lifelong_learning_(LLL) [13 ta' Ġunju 2023].

Eurostat (2023a), Early leavers from education and training by sex and labour status. Disponibbli: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/edat_lfse_14/default/table?lang=en [4 ta' Lulju 2023].

Eurostat (2023b), Euro area unemployment at 6.5% (euroindicators 53/2023). Disponibbli: https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/16668052/3-03052023-AP-EN.pdf/4dd1dbd5-c63a-7a89-59fb-925a2669e99a#:~:text=The%20EU%20unemployment%20rate%20was,office%20of%20the%20European%20Union [4 ta' Lulju 2023].

Eurostat (2023c) Participation rate in education and training (last 4 weeks) by sex and age. Disponibbli: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/TRNG_LFSE_01/default/table?lang=en&category=educ.educ_part.trng.trng_lfs_4w0 [13 ta' Ġunju 2023].

education.gov.mt

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI,
L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI